MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 133/1996/1

Anthony sive Tony Lautier .

vs

Johannes Leonardus Grimbergen .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-konvenut huwa debitur lejn l-attur fis-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) li gew lilu mislufa *brevi manu* mill-attur fil-15 ta' Settembru, 1995 bil-kundizzjoni li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attur is-somma ta' flus lilu mislufa sal-10 ta' Novembru, 1995 – *Dokument A ;*

Illi l-konvenut ghadu sal-lum ma hallas xejn lill-attur mis-somma lilu mislufa minkejja li sarulu diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas kemm verbali kif ukoll bil-

miktub u minkejja wkoll li l-konvenut wieghed diversi drabi lill-attur li huwa kien ser ihallas ;

Illi l-ammont mitlub mill-attur huwa cert, likwidu, u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Procedura Civili Kap. 12, stante li l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi fil-ligi u fil-fatt in oppozizzjoni ghat-talbiet attrici u qieghed jigi anness ukoll ma' din ic-citazzjoni Affidavit – *Dok. B* – a tenur tal-istess artikoli citati .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :
1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Procedura Civili Kap. 12 ;
2. tiddikjara dovuta lill-attur mill-konvenut is-somma ta' hames mitt lira maltin (Lm500) li l-konvenut kien ha b'self minghand l-attur fil-15 ta' Settembru, 1995 ;

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lura lill-attur is-somma hekk dikjarata dovuta bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Settembru, 1995 sad-data tal-hlas effettiv ;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi huwa veru illi l-esponenti kien issellef is-somma ta' hames mitt lira maltija (Lm500) minghand l-attur, izda l-ftehim ma kienx illi dawn jigu rifuzi fiz-zmien indikat mill-attur bensi illi l-esponenti jhallas dawn il-flus lura kif appena huwa jkun ircieva lura minghand id-Dipartiment tad-Dwana s-somma li huwa kien halla bhala depozitu mal-istess Dipartiment sakemm huwa jgib prova illi huwa trasferixxa r-residenza tieghu lejn Malta ;

2. Illi ghaldaqstant l-attur ma ghandux id-dritt jezigi l-pagament lura ta' dan l-ammont hlief u sakemm l-esponenti ma jkunx gabar flusu minghand id-Dwana ;

3. Illi barra minn dan l-esponenti llum ghandu jiehu somma minghand l-attur skond kif indikat fil-kontro citazzjoni annessa ma' din in-nota tal-eccezzjonijiet, u l-esponenti qieghed formalment jitlob it-tpacija tal-ammont dovut lilu ma parti mill-ammont dovut lill-attur .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-citazzjoni tal-konvenut, fejn wara li ppremetta :

Illi l-konvenut ghamel zmien, daqs minn nofs Mejju sas-17 ta' Novembru 1996 u dan bil-paga miftiehma ta' tmienja u erbghin lira maltija (Lm48) fil-gimgha ;

Illi minn din il-paga, l-attur beda jidditjenti s-somma ta' tmien liri fil-gimgha sabiex bihom taparsi jhallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali tal-konvenut ;

Illi effettivament, il-konvenut skopra wara illi l-attur mhux veru kien ihallaslu xi forma ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali ;
Illi ghaldaqstant l-attur zamm indebitament ghalih innifsu s-somma ta' mitejn u sittax-il lira maltija (Lm216) u l-konvenut ghandu d-dritt jigi rimborzat din is-somma minghand l-istess attur .

Talab lill-atttur jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi inti ghandek taghti lill-konvenut is-somma ta' mitejn u sittax-il lira maltija (Lm216) mizmuma minnek indebitament kif spjegat hawn fuq ;

2. Tordna t-tpacija bejn din is-somma u parti mill-ammont ta' hames mitt lira maltija (Lm500) illi l-konvenut ghandu jhallas lilek .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjah .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghal din il-kontro-talba fejn eccepixxa :

1. Illi preliminarjament in-nota tal-eccezzjonijiet u l-kontro-citazzjoni tal-konvenut gew ipprezentati tardivament u hafna wara li ghalaq it-terminu ghall-prezentata tan-nota preskritt bil-ligi u ghalhekk il-Qorti ghandha tordna l-isfilz taghhom mill-process ;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhuwiex minnu dak li qieghed jikkontendi l-konvenut illi huwa kien impjegat mal-attur bil-paga miftiehma ta’ tmienja u erbghin lira maltin (Lm48) fil-gimgha izda l-ftehim mieghu kien li jhallsu erbghin lira fil-gimgha netti f’idejh oltre l-*commissions* li kien jircievi ghad-*diving courses* u ghal kull ghaddas li kien inizzel f’qiegh il-bahar bil-lejl u matul il-jum kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza ;

3. Illi l-attur qatt ma ddetjena ebda parti mill-paga li huwa ftiehem li jhallas lill-konvenut bl-iskuza li bihom ihallaslu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ Socjali ;

4. Illi l-attur ma baqghalu jaghti xejn lill-konvenut mill-ammont minnu pretiz .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti relattiva ta’ l-attur .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat il-verbal taghha tad-29 ta’ April 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti pprezentati .

Ikkunsidrat :

Illi bhala eccezzjoni preliminari ghall-kontro-talba tal-konvenut, l-attur eccepixxa li n-nota ta’ l-eccezzonijiet tal-konvenut u din il-kontro-talba gew intavolati tardivament . Irrizulta illi dawn gew ipprezentati mill-konvenut fit-22 ta’ Lulju 1996, meta kien lahaq skada t-terminu koncess mil-ligi ghal dan il-fini . Imma, wara li semghet lill-konvenut li huwa barrani jiggustifika dan l-agir tieghu, il-Qorti b’digriet tas-7 ta’ Jannar 1997 ammettiet l-istess nota u kontro-talba[1] u ghalhekk, ghall-istess ragunijiet, din l-eccezzjoni qed tigi michuda .

Fuq il-mertu l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta’ hames mitt lira maltija (Lm500) li huwa kien silef *brevi manu* lill-konvenut . Skond skrittura privata ffirmata miz-zewg partijiet dawn kellhom jithallsu lura sa l-10 ta’ Novembru 1995,[2] imma l-konvenut baqa’ inadempjenti .

Il-konvenut wiegeb illi dan is-self kellu jithallas lura hekk kif jakkwista l-permess biex jahdem f’dawn il-gzejjer . Sussidjarjament jikkontendi illi ghandu jkun hemm t-tpacija fis-somma ta’ mitejn u sittax il-lira maltija (Lm216) li, ghalkemm gew mizmuma mill-attur sabiex jithallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta’ Socjali tieghu, dan baqa’ ma sarx ghax, sakemm il-konvenut baqa’ jahdem mieghu, il-permess tax-xoghol baqa’ ma giex akkwistat .

Dwar l-allegazzjoni li l-pagament kellu jsir biss meta jinkiseb il-permess tax-xoghol ma ngiebu ebda provi . Anzi l-iskrittura ffirmata mill-istess konvenut tistipula b’mod preciz id-data meta kellu jsir dan il-hlas u ma tissemma ebda kondizzjoni simili . Din l-eccezzjoni qed tigi wkoll ghalhekk respinta .

L-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut, li hija wkoll il-premessa li fuqha bbaza t-talbiet fil-kontro-citazzjoni tieghu,

[1] a fol. 37 tal-process .
[2] Dok. A a fol. 5 .

tirrigwarda l-kompensazzjoni li l-konvenut jippretendi li ghandu jkun hemm minhabba l-kontribuzzjonijiet ghas-Sigurta' Socjali li l-attur naqas li jhallas sakemm dam jahdem mieghu bhala *diving instructor* .

Jidher ghalhekk illi l-konvenut qed jghid illi ghandu jkun hemm xi forma ta' tpacija bejn il-krediti rispettivi . Il-ligi taghna tghid illi **t-tpacija** ssir meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u d-dejn ikun **cert, likwidu u dovut**[3] **.** Fuq principji simili fil-ligi taljana l-**Giorgi** jghallem illi : **"*La compensazione legale e' quella che si fa di diritto in virtu' della legge, ed anche all'insaputa dei debitiori al momento della contemporanea esistenza dei debiti, che reciprocamente si estinguono per la quantita' corrispondente*."**[4]

Jista' jinghad pero' illi fil-kaz in ezami ghandna zewg krediti li huma certi, likwidi u dovuti, kif trid il-ligi ? L-attur jikkontendi illi l-ftehim kien illi huwa jaghti erbghin lira maltija (Lm40) fil-gimgha lill-konvenut u jerfa' r-responsabilita' li jhallaslu l-kontribuzzjonijiet dovuti ghas-Sigurta' Socjali . Kellu jaghtih ukoll diversi benficcji ohra ghal kull lezzjoni li jaghti u ghad-*dives* li jsiru bil-lejl . Mill-ircevuti tal-hlas tal-paga lill-konvenut u minnu iffirmati, esebiti mill-istess attur[5] jirrizulta illi l-attur ghamel dsatax-il pagament fejn indika illi kien qed izomm tmien liri (Lm8) ghas-Sigurta' Socjali, u ghaxar pagamenti fejn zamm tliet liri u erba' u sittin centezmu (Lm3.64) biss ghall-istess fini .

Il-konvenut da parti tieghu isostni illi skond il-ftehim il-paga kellha tkun ta' tmienja u erbghin lira (Lm48) fil-gimgha, li minnhom kellhom jitnaqqsu tmien liri (Lm8) biex jaghmlu tajjeb ghas-Sigurta' Socjali . Jippretendi ghalhekk illi gialadarba dawn ma thallsux, ghax huwa qatt ma lahaq kien registrat ufficcjalment bhala impjegat ma' l-attur, billi ma nhariglux il-permess necessarju, dawn it-tmien liri fil-

---

3 Ara art. 1196 u 1197 Kap. 16 .
4 Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Firenze 1911 vol. VIII. para. 5
5 dokti. 1 – 29 a fol. 40 – 68 .

gimgha mizmuma ndebitament mill-attur ghandhom jigu rifusi lilu .

Il-Qorti pero' ma tistghax taqbel ma din it-tezi tal-konvenut, u dan ghaliex gialadarba huwa accetta paga ta' erbghin lira fil-gimgha bhala paga bazi u infatti l-ircevuti esebiti jindikaw appuntu din ic-cifra, il-fatt li l-attur naqas li jaghmel il-pagamenti dovuti tas-Sigurta' Socjali, ma ghandux ikun issa ta' beneficcju ghalieh . Bhala *employer* l-attur kien u baqa' responsabbli li jaghmel dawn il-pagamenti lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali . Jekk naqas li jaghmel dan, ghar-raguni illi l-konvenut qatt ma lahaq gie registrat ufficcjalmemt bhala impjegat tieghu jew ghal xi raguni ohra, dan ghamlu a riskju tieghu u espona ruhu li jittiehdu anke proceduri kriminali fil-konfront tieghu minhabba dan in-nuqqas . Il-konvenut kien sodisfatt bil-paga miftehma u l-beneficcji l-ohra indikati u ma jista' jkun qatt intitolat jitlob ebda rifuzjoni minghand l-attur ta' flus dovuti lil terzi . Ma jirrizulta ghalhekk illi tezisti ebda kompensazzjoni li tintitola lill-konvenut izomm xi parti mis-somma lilu mislufa mill-attur .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza ta' l-attur billi :

1. tilqa' t-talbiet tieghu u tiddikjara dovuta lilu minghand il-konvenut is-somma ta' hames mitt lira maltija (Lm500) li dan kien ha b'self minghandu fil-15 ta' Settembru 1995; u konsegwentement

2. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lura lill-attur din is-somma bl-imghaxijiet legali mid-data ndikata tal-15 ta' Setembru 1995 sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut .

Tiddecidi dwar il-kontro-talba billi tichad it-talbiet tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu .

S13396Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------